Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1237

tat-18 ta' Mejju 2016

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar ir-rilaxx u t-telf ta' garanziji ppreżentati għal tali liċenzji, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 1342/2003, (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 951/2006, (KE) Nru 341/2007 u (KE) Nru 382/2008 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2390/98, (KE) Nru 1345/2005, (KE) Nru 376/2008 u (KE) Nru 507/2008

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 206, 30.7.2016, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1965 tas-17 ta' Awwissu 2017	L 279	36	28.10.2017
►M2	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1467 tas-6 ta' Lulju 2021	L 321	18	13.9.2021
►M3	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/83 tas-17 ta' Jannar 2025	L 83	1	31.3.2025
►M4	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1268 tas-6 ta' Mejju 2025	L 1268	1	10.7.2025

▼B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1237

tat-18 ta' Mejju 2016

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar ir-rilaxx u t-telf ta' garanziji ppreżentati għal tali liċenzji, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 1342/2003, (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 951/2006, (KE) Nru 341/2007 u (KE) Nru 382/2008 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2390/98, (KE) Nru 1345/2005, (KE) Nru 376/2008 u (KE) Nru 507/2008

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "liċenzja" tfisser dokument elettroniku jew stampat b'perjodu speċifiku ta' validità, li jesprimi d-dritt u l-obbligu li jimporta jew jesporta prodotti;

(b) "avviż dwar il-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli" tfisser id-dispożizzjonijiet dettaljati għal-liċenzja tal-importazzjoni jew għal-liċenzja tal-esportazzjoni u s-sett ta' informazzjoni li għandu jsir referenza għalih f'applikazzjoni għal liċenzja u f'liċenzja kif ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C ([1]);

▼M4

(c) "struzzjonijiet ippubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*" tfisser l-"Avviż dwar l-istruzzjonijiet dwar il-mili tal-mudelli tad-data ELAN1L-AGRIM u ELAN1L-AGREX" ([2]) imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (j) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

Id-definizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1269 ([3]) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 ([4]) japplikaw għal dan ir-Regolament.

([1]) Avviż dwar il-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni (ĠU C 278, 30.7.2016).

([2]) Avviż rigward l-istruzzjonijiet dwar il-mili tal-mudelli tad-data ELAN1L-AGRIM u ELAN1L-AGREX (ĠU C, C/2025/2819, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2819/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1269 tat-28 ta' April 2025 li jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kummerċ u s-suq fi prodotti agrikoli (ĠU L, 2025/1269, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1269/oj)

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 tas-6 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") electronic system for agricultural non-customs formalities ("ELAN") (ĠU L, 2025/1272, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1272/oj).

▼B

Artikolu 2

Każijiet meta tkun meħtieġa liċenzja

1. ►M4 Hija meħtieġa liċenzja tal-importazzjoni għall-prodotti li ġejjin: ◄

(a) prodotti elenkati fil-Parti I tal-Anness, meta jiġu ddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera taħt il-kundizzjonijiet kollha, minbarra l-kwoti tariffarji, ħlief kif previst mod ieħor fil-Parti I;

(b) prodotti ddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera taħt il-kwoti tariffarji amministrati mill-metodu ta' eżaminazzjoni simultanja jew mill-metodu tradizzjonali/ġdid kif imsemmi fl-Artikolu 184(2)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 rispettivament, jew kombinazzjoni tagħhom jew b'metodu xieraq ieħor;

(c) prodotti li għalihom, il-Parti I tal-Anness tirreferi għal din id-dispożizzjoni meta ddikjarati għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera taħt il-kwoti tariffarji amministrati mill-metodu tal-prinċipju ta' "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel" imsemmi fl-Artikolu 184(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(d) prodotti msemmija fil-Parti I tal-Anness meta ddikjarati għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera taħt arranġament preferenzjali li għandu jiġi amministrat mil-liċenzji;

(e) prodotti li huma koperti minn proċedura ta' pproċessar passiv permezz ta' liċenzja tal-esportazzjoni u li jirritornaw għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera bħala prodott elenkat fit-Taqsima A jew B tal-Parti I tal-Anness;

(f) prodotti ddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 f'każ li japplika tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni.

2. ►M4 Hija meħtieġa liċenzja tal-esportazzjoni għall-prodotti li ġejjin: ◄

(a) prodotti elenkati fil-Parti II tal-Anness;

(b) Prodotti tal-Unjoni li għalihom trid tiġi ppreżentata liċenzja tal-esportazzjoni għall-ammissjoni taħt kwota li hija amministrata mill-Unjoni jew minn pajjiż terz u li nfetħet f'dak il-pajjiż għal dawk il-prodotti;

(c) il-prodotti tal-Unjoni li ġejjin imsemmija fil-Parti II tal-Anness li jridu jiġu esportati:

(i) prodotti li huma taħt il-proċedura doganali ta' pproċessar attiv;

▼B

(ii) prodotti li huma prodotti bażiċi kif elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u li huma taħt il-proċedura doganali ta' pproċessar passiv;

▼M1

(iii) prodotti li huma soġġetti għal ħlas lura jew għal remissjoni tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni kif stabbilit fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li fir-rigward tagħhom tkun għadha ma ttieħditx deċiżjoni finali.

▼B

Artikolu 3

Każijiet fejn mhijiex meħtieġa liċenzja

1. Ma għandhiex tkun meħtieġa, tinħareġ jew tiġi ppreżentata liċenzja għall-finijiet ta':

(a) rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' prodotti ta' natura mhux kummerċjali kif stabbilit fit-Taqsima II(D)(2) tal-Ewwel Parti tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([3]);

(b) każijiet fejn trid tingħata eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni, dazji tal-esportazzjoni u miżuri adottati abbażi tal-Artikolu 207 tat-Trattat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 ([4]);

(c) kwantitajiet tal-prodotti li għandhom jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera jew esportazzjoni li ma jaqbżux dawk stabbiliti fl-Anness;

(d) prodotti li għandhom jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera bħala prodotti rritornati skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(e) prodotti li għalihom, fi żmien l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid, id-dikjarant jipprovdi prova li ttieħdet deċiżjoni favorevoli għal ħlas lura jew għal remissjoni ta' dazji tal-importazzjoni fir-rigward ta' tali prodotti skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Permezz ta' deroga mill-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, għandha tkun meħtieġa liċenzja fejn ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew esportazzjoni tkun qiegħda ssir taħt arranġamenti preferenzjali li jingħataw permezz tal-liċenzja.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23).

▼B

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-kwantità li għandha tiġi koperta b'liċenzja waħda għandha tiġi kkalkolata bħala li tinkludi l-kwantitajiet li għandhom jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera jew li jridu jiġu esportati li huma koperti mill-istess operazzjoni loġistika.

2. Liċenzja tal-esportazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa u ma għandhiex tinħareġ jew tiġi ppreżentata fir-rigward ta' prodotti kkunsinjati minn individwi privati jew gruppi ta' individwi privati bil-għan li jitqassmu b'xejn għal skopijiet ta' għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi fejn kunsinni bħal dawn huma okkażjonali fin-natura tagħhom, jinkludu prodotti varji u ma jaqbżux total ta' 30 000 kg għal kull mezz ta' trasport. Operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel li ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet huma soġġetti għal liċenzja skont dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

Artikolu 4

Garanzija

1. Il-liċenzji huma soġġetti għal garanzija, ħlief fil-każijiet stipulati fl-Anness.

2. Meta jissottometti applikazzjoni għal liċenzja, l-applikant għandu jippreżenta garanzija, li għandha tkun disponibbli għand l-awtorità li toħroġ il-liċenzji mhux iktar tard mis-13.00 ħin ta' Brussell fil-jum li fih tiġi sottomessal-applikazzjoni.

3. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda garanzija meta l-garanzija tilħaq livell limitu ta' EUR 100 jew inqas.

Għal dak il-għan, l-ammont ta' garanzija għandu jkun ikkalkolat bħala li jinkludi l-kwantitajiet kollha li jirriżultaw mill-obbligi koperti mill-istess operazzjoni loġistika.

4. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda garanzija meta l-applikant huwa:

(a) korp pubbliku responsabbli mit-twettiq tad-dmirijiet ta' awtorità pubblika; jew

(b) korp privat li jwettaq id-dmirijiet imsemmija fil-punt (a) taħt is-superviżjoni ta' Stat Membru.

5. Il-garanzija ppreżentata fir-rigward ta' kwantità li għaliha ma tkunx ġiet ippreżentata liċenzja, għandha tiġi rilaxxata minnufih.

Artikolu 5

Drittijiet u obbligi, tolleranza

1. Il-liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għandha tikkostitwixxi dritt u toħloq obbligu għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew għal esportazzjoni, rispettivament, il-kwantità ta' prodotti koperti mill-liċenzja matul il-perjodu ta' validità tagħha skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

▼M4

2. Id-dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni għandha tiġi ppreżentata minn:

(a) id-detentur titulari tal-liċenzja li jikkorrispondi għall-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima “Detentur titulari” tal-liċenzja stabbilita fl-Anness I.1 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 (“detentur titulari”) jew f’konformità mal-istruzzjonijiet ippubblikati fis-serje C ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jekk, f’konformità mar-regoli tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 21a sa 21d ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni, il-liċenzja tinħareġ f’konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness I ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni, id-detentur titulari għandu jiġi indikat fit-Taqsima 4 tal-liċenzja;

▼M4

(b) iċ-ċessjonarju li jikkorrispondi għall-informazzjoni mogħtija fit-Taqsima “Iċ-ċessjonarju” tal-liċenzja f’konformità mal-Anness I.1 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Jekk, f’konformità mar-regoli tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 21a sa 21d ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni, il-liċenzja għandha tinħareġ f’konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness I ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni, iċ-ċessjonarju għandu jiġi indikat fit-Taqsima 6 tal-liċenzja;

(c) rappreżentant doganali maħtur li jaġixxi f’isem id-detentur titulari jew iċ-ċessjonarju kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, fejn fid-dikjarazzjoni doganali jiġi speċifikat li d-detentur titulari jew iċ-ċessjonarju huwa l-persuna li f’isimha jitwettaq l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1.

▼B

3. Jekk leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni tistiupla dan, l-obbligu ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew ta' esportazzjoni jista' jinkludi l-obbligu ta' rilaxx minn jew ta' esportazzjoni lejn il-pajjiż jew il-grupp ta' pajjiżi speċifikati fil-liċenzja.

4. L-obbligu ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew ta' esportazzjoni għandu jitqies issodisfat jekk il-kwantità totali speċifikata fuq il-liċenzja tkun ġiet żdoganata skont il-proċedura rilevanti. Għal dak il-għan għandha tapplika tollerenza pożittiva jew negattiva fuq il-kwantità speċifikata fuq il-liċenzja skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

5. Tolleranza pożittiva ma għandhiex tapplika meta l-kwantità speċifikata fil-liċenzja tal-importazzjoni hija ekwivalenti għall-kwantità speċifikata f'dokument tal-esportazzjoni, peress li huwa element ta' prova li l-prodott huwa eliġibbli għal trattament preferenzjali minħabba l-kwalità, il-varjetà, jew il-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, kif meħtieġ fil-ftehim internazzjonali rilevanti.

Meta l-liċenzja tal-importazzjoni hija meħtieġa għal kwota tariffarja, il-kwantità żejda mill-kwantità speċifikata fuq il-liċenzja tal-importazzjoni fil-limiti tat-tolleranza pożittiva, għandha tinġieb f'ċirkolazzjoni libera taħt l-istess liċenzja soġġetta għar-rata ta' dazju konvenzjonali.

Artikolu 6

Trasferiment

1. L-obbligi li jirriżultaw mil-liċenzji ma jistgħux jiġu ttrasferiti. Ħlief meta stipulat mod ieħor, id-drittijiet li jirriżultaw mil-liċenzji għandhom ikunu jistgħu jiġu trasferiti mid-detentur titolari tagħhom matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja.

▼M4

2. Trasferiment ta’ drittijiet li jirriżulta minn liċenzja jew estratt tagħha jista’ jsir favur ċessjonarju wieħed biss u għandu jkopri l-kwantitajiet li għadhom ma ġewx attribwiti lil-liċenzja jew lil estratt tagħha.

Meta liċenzja jew l-estratt tagħha maħruġa f’konformità mal-Anness I.1 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 jiġu ttrasferiti lura lid-detentur titulari, id-detentur titulari jista’ jerġa’ jittrasferixxiha favur ċessjonarju wieħed ieħor, fil-limiti tal-kwantità li tkun għadha ma ġietx attribwita lil-liċenzja.

▼B

3. Id-detentur titolari għandu jitlob trasferiment mal-awtorità li toħroġ il-liċenzji li ħarġet il-liċenzja oriġinali.

▼B

4. Iċ-ċessjonarji ma għandhomx jittrasferixxu d-drittijiet tagħhom iktar iżda jistgħu jittrasferuhom lura lid-detentur titolari. It-trasferimenti lura lid-detentur titolari għandhom ikopru l-kwantitajiet li jkunu għadhom ma ġewx attribwiti lil-liċenzja jew lil estratt tagħha. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tinnota t-trasferiment lura skont in-notifika dwar il-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli.

5. It-trasferiment jew it-trasferiment lura lid-detentur titolari għandu jseħħ mid-data kif ivvalidat mill-awtorità li toħroġ il-liċenzji.

Artikolu 7

Rilaxx u telf ta' garanziji

1. Ir-rilaxx tal-garanzija stipulat fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([1]) jaf ikun parzjali bi proporzjon mal-kwantità ta' prodotti li għalihom tkun ingħatat l-evidenza tal-issodisfar tal-obbligu ta' importazzjoni jew esportazzjoni. Din il-kwantità ma għandhiex tkun inqas minn 5 % tal-kwantità totali speċifikata fil-liċenzja.

Madankollu, jekk il-kwantità importata jew esportata tammonta għal inqas minn 5 % tal-kwantità speċifikata fil-liċenzja, il-garanzija kollha għandha tintilef.

2. Meta tiġi kkalkolata l-parti tal-garanzija li għandha tintilef, fejn ikun applikabbli, l-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tnaqqas ammont li jikkorrispondi għat-tolleranza kwantitattiva msemmija fl-Artikolu 5(4).

3. Meta l-awtorità li toħroġ il-liċenzji tirrinunzja għar-rekwiżit ta' garanzija fejn il-valur tas-somma assigurata huwa inqas minn EUR 500, kif stipulat fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014, l-ammont tas-somma ugwali għall-garanzija li għandha tintilef għandu jitħallas mill-parti kkonċernata qabel ma jgħaddu 60 jum mid-data li fiha tiskadi l-validità tal-liċenzja.

4. Jekk l-ammont totali tal-garanzija li tintilef ikun EUR 100 jew inqas għal liċenzja partikolari, l-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tirrilaxxa l-garanzija kollha.

▼M4

Artikolu 8

Notifiki

F'konformità mal-kundizzjonijiet iddettaljati stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 223(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

(a) il-liċenzji ta' sostituzzjoni maħruġa msemmija fl-Artikolu 15(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Meta l-Istati Membri jagħmlu l-liċenzji ta' sostituzzjoni disponibbli fis-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN) irregolati mir-Regolament Delegat (UE) 2025/1269 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1272, huma għandhom jinnotifikaw dawk il-liċenzji ta' sostituzzjoni wara talba tal-Kummissjoni;

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

▼M4

(b) każijiet ta' *force majeure* msemmija fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(c) fir-rigward tal-qanneb, l-awtoritajiet kompetenti għall-kontrolli msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(d) fir-rigward tal-alkoħol etiliku, il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(e) fir-rigward tar-ross, il-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 19a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(f) l-irregolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(g) l-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u biex joħorġu l-liċenzji jew il-liċenzji ta' sostituzzjoni msemmija fl-Artikolu 20(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(h) it-timbri uffiċjali u, fejn xieraq, l-istampi b'tipa mqabbża msemmija fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

▼B

KAPITOLU II

DISPOŻIZZONIJIET SETTORJALI SPEĊIFIĊI

Artikolu 9

Qanneb

▼M4

1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti tal-qanneb elenkati fit-Taqsimiet C, D u G tal-Parti I tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għal liċenzja tal-importazzjoni f'konformità mal-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 ("ELAN1L-AGRIM") u l-istruzzjonijiet ippubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 21a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, il-liċenzji jistgħu jinħarġu f'konformità mal-mudelli stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Il-liċenzja għandha tinħareġ biss meta jkun intwera għas-sodisfazzjon tal-Istat Membru fejn il-prodotti tal-qanneb għandhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 189(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u f'dan ir-Regolament u r-rekwiżiti stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 189(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ikunu ġew issodisfati.

▼B

2. L-applikazzjoni għal liċenzja għandha tinkludi l-informazzjoni f'konformità mal-istruzzjonijiet għall-prodotti tal-qanneb fin-notifika dwar il-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali relatati mal-applikazzjoni għal liċenzja u l-ħruġ u l-użu tal-liċenzja, kif imsemmi fl-Artikolu 189(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

▼B

3. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 189(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu arranġamenti għall-awtorizzazzjoni taż-żerriegħa tal-qanneb minbarra għaż-żrigħ. Dawk l-arranġamenti għandhom jinkludu d-definizzjoni tal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, iċċekkjar, u l-penali li għandhom jiġu applikati f'każ ta' irregolarità.

4. Fil-każ tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera taż-żrieragħ tal-qanneb minbarra għaż-żrigħ kif imsemmi fit-Taqsima G tal-Parti I tal-Anness, il-liċenzja tal-importazzjoni għandha tinħareġ biss meta l-importatur awtorizzat jimpenja ruħu li l-awtoritajiet kompetenti għal verifiki li jikkonċernaw l-operazzjonijiet rilevanti fl-Istat Membru fejn l-importatur huwa awtorizzat sejrin jiġu pprovduti, fi żmien il-perjodi ta' żmien u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru, b'dokumenti li juru li ż-żerriegħa tal-qanneb koperta bil-liċenzja tkun għaddiet, fi żmien perjodu ta' inqas minn 12-il xahar mid-data li fiha nħarġet il-liċenzja, minn waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) titqiegħed f'kundizzjoni li teskludi l-użu għaż-żrigħ;

(b) tħalltet ma' żerriegħa oħra li mhijiex żerriegħa tal-qanneb għall-finijiet tan-nutriment tal-annimali, ma' żerriegħa tal-qanneb li tlaħħaq għall-massimu ta' 15 % tat-taħlita totali, u, f'każijiet eċċezzjonali, massimu ta' 25 % fuq it-talba tal-importatur awtorizzat akkumpanjata b'ġustifikazzjoni;

(c) ġiet esportata lejn pajjiż terz.

Madankollu, jekk parti miż-żerriegħa tal-qanneb li hija mħarsa mil-liċenzja ma għaddietx minn waħda mill-operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu fil-limitu ta' żmien ta' 12-il xahar, l-Istat Membru jista', fuq talba tal-importatur awtorizzat akkumpanjat minn ġustifikazzjoni, jestendi l-limitu ta' żmien b'perjodu wieħed jew tnejn ta' sitt xhur.

Id-dokumenti msemmija fl-ewwel subparagafu għandhom jitfasslu mill-operaturi li jkunu wettqu l-operazzjonijiet u għandhom jinkludu tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, l-indirizz sħiħ, l-Istat Membru u l-firma tal-operatur;

(b) deskrizzjoni tal-operazzjoni mwettqa li tħares il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu u d-data ta' meta twettqet;

(c) il-kwantità f'kilogrammi ta' żerriegħa tal-qanneb relatata mal-operazzjoni.

Abbażi ta' analiżi tar-riskju, kull Stat Membru kkonċernat għandu jwettaq kontrolli fuq l-eżattezza tad-dokumenti relatati mal-operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu mwettqa fuq it-territorju tagħhom.

5. B'deroga mill-Artikolu 6(1), id-drittijiet li jirriżultaw mil-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti tal-qanneb ma għandhomx ikunu trasferibbli.

▼M4

———————

▼B

KAPITOLU III

EMENDI, TĦASSIR, DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 11

Emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 1342/2003, (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 951/2006, (KE) Nru 341/2007 u (KE) Nru 382/2008

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma mħassra:

(a) fir-Regolament (KE) Nru 2535/2001, l-Artikoli 20, 21 u 22;

(b) fir-Regolament (KE) Nru 1342/2003, l-Artikoli 6(1)(a), 8(2), 9(1) u (2), 12(a) u 16;

(c) fir-Regolament (KE) Nru 2336/2003, l-Artikoli 5 u 7;

(d) fir-Regolament (KE) Nru 951/2006, l-Artikoli 4c, 4d, 4e, 5(1), 7 sa 7f, 8a, 9, 10, 11(1)(a) u (2), 12a, 17(1) u 18(1);

(e) fir-Regolament (KE) Nru 341/2007, l-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) u l-Artikoli 13 u 14;

(f) fir-Regolament (KE) Nru 382/2008, l-Artikoli 2, 5(1) u (2), 6(1) u (2), 7 u 8(1) u (2);

2. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikomplu japplikaw għal-liċenzji maħruġa skont ir-Regolamenti rilevanti.

Artikolu 12

Tħassir

Ir-Regolamenti (KE) Nru 2390/98, (KE) Nru 1345/2005, (KE) Nru 376/2008 u (KE) Nru 507/2008 għandhom jitħassru.

Madankollu,

— dawk ir-Regolamenti għandhom ikomplu japplikaw għal-liċenzji maħruġa skont dawk ir-Regolamenti; u

▼B

— l-Artikolu 34(10) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 għandu jkompli japplika sakemm ikunu bdew japplikaw ir-regoli rilevanti fir-rigward tal-kwoti tariffarji adottati abbażi tal-Artikoli 186 u 187 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 13

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-perjodu applikabbli ta' validità u l-ammont tal-garanzija ppreżentat għal-liċenzji li ma jkunux skadew fis-6 ta' Novembru 2016.

2. Fuq talba tad-detentur titolari, il-garanzija ppreżentata għal liċenzja għandha tiġi rilaxxata meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-validità tal-liċenzja ma skadietx fid-data msemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-liċenzja ma għadhiex meħtieġa għall-prodotti kkonċernati mid-data msemmija fil-paragrafu 1;

(c) il-liċenzja ntużat biss parzjalment jew xejn fuq id-data msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mis-6 ta' Novembru 2016.

Madankollu, l-Artikolu 11(1)(d) japplika mill-1 ta' Ottubru 2017.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

PARTI I

OBBLIGU TA' LIĊENZJA TAL-IMPORTAZZJONIJIET

Lista ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 2(1)(a)

A. **Ross** (l-Artikolu 1(2)(b) u l-Parti II tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantitjiet netti (1)
1006 20	Ross (ismar) bla ħliefa, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(c)	1 000 kg
1006 30	Ross miħun kollu jew nofsu miħun, sew jekk illustrat jew igglejżjat sew jekk le, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(c)	1 000 kg
1006 40 00	Ross imfarrak, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(c)	1 000 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.

B. **Zokkor** (l-Artikolu 1(2)(c) u l-Parti III tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantitjiet netti (1)
1701	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji (2) (3)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.
(2) L-obbligu ta' liċenzja tal-importazzjoni japplika sat-30 ta' Settembru 2017.
(3) Bl-eċċezzjoni tal-importazzjonijiet taz-zokkor preferenzjali tal-kodiċi NM 1701 99 10 li joriġinaw mill-Moldova msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 260, 30.8.2014, p. 1) u ta' importazzjonijiet preferenzjali ta' zokkor tal-kodiċi NM 1701 li joriġinaw mill-Ġeorġja msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/494/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra (ĠU L 261, 30.8.2014, p. 1).
(—) Liċenzja meħtieġa għal kwalunkwe kwantità.

C. **Żrieragħ** (l-Artikolu 1(2)(e) u l-Parti V tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Garanzija	Kwantitjiet netti (1)
ex 1207 99 20	Żrieragħ ta' varjetajiet tal-qanneb, għaż-żriegħ	(2)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.
(2) M'hemm bżonn l-ebda garanzija.
(—) Liċenzja meħtieġa għal kwalunkwe kwantità.

D. **Kittien u qanneb** (l-Artikolu 1(2)(h) u l-Parti VIII tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Garanzija	Kwantitjiet netti (1)
5302 10 00	Qanneb veru, mhux maħdum jew imrattab	(2)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.
(2) M'hemm bżonn l-ebda garanzija.
(—) Liċenzja meħtieġa għal kwalunkwe kwantità.

▼B

E. **Frott u ħxejjex** (l-Artikolu 1(2)(i) u l-Parti IX tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantitjiet netti (1)
0703 20 00	Tewm, frisk jew imkessaħ, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(c) (2)	(—)
ex 0703 90 00	Ħxejjex ta' ġenus it-tewm ieħor, frisk jew imkessaħ, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(c) (2)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.

(2) L-obbligu ta' liċenzja tal-importazzjoni japplika sat-30 ta' Settembru 2017.

(—) Liċenzja meħtieġa għal kwalunkwe kwantità.

F. **Prodotti ta' frott u ħxejjex ipproċessati** (l-Artikolu 1(2)(j) u l-Parti X tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantitjiet netti (1)
ex 0710 80 95	Tewm (2) u *Allium ampeloprasum* (mhux imsajrin jew imsajrin bil-fwar jew mgħollijin fl-ilma), iffriżati, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(1)(c) (3)	(—)
ex 0710 90 00	Taħlitet ta' ħxejjex li fihom it-tewm (2) u/jew *Allium ampeloprasum* (mhux imsajrin jew imsajrin bil-fwar jew mgħollijin fl-ilma), iffriżati, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(1)(c) (3)	(—)
ex 0711 90 80	Tewm (2) u *Allium ampeloprasum* ippreservati b'mod proviżorju (pereżempju, bil-gass tad-diossidu tas-sulfat, fl-ilma mielaħ, fl-ilma tas-sulfat jew f'soluzzjonijiet ippreservattivi oħrajn), iżda li mhumiex adattati f'dak l-istat għall-konsum immedjat, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji kif isemmija fl-Artikolu 2(1)(c) (3)	(—)
ex 0711 90 90	Taħlitiet ta' ħxejjex li fihom it-tewm (2) u/jew *Allium ampeloprasum* ippreservati b'mod proviżorju (pereżempju, bil-gass tad-diossidu tas-sulfat, fl-ilma mielaħ, fl-ilma tas-sulfat jew f'soluzzjonijiet ippreservattivi oħrajn), iżda li mhumiex adattati f'dak l-istat għall-konsum immedjat, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji kif isemmija fl-Artikolu 2(1)(c) (3)	(—)
ex 0712 90 90	Tewm imnixxef (2) u *Allium ampeloprasum* u taħlitiet ta' ħxejjex imnixxfin li fihom it-tewm (2) u/jew *Allium ampeloprasum*, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux ippreparati aktar minn hekk, inklużi l-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(1)(c) (3)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.

(2) Dan għandu jinkludi wkoll prodotti fejn il-kelma "tewm" tagħmel biss parti mid-deskrizzjoni. Termini bħal dawn jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal "tewm solo", "tewm elephant", "tewm single clove" jew "tewm great-headed".

(3) L-obbligu ta' liċenzja tal-importazzjoni japplika sat-30 ta' Settembru 2017.

(—) Liċenzja meħtieġa għal kwalunkwe kwantità.

▼B

G. **Prodotti oħra** (l-Artikolu 1(2)(x) u t-Taqsima 1 tal-Parti XXIV tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Garanzija	Kwantitjiet netti (1)
1207 99 91	Żrieragħ tal-qanneb, minbarra għaż-żriegħ	(2)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.
(2) M'hemm bżonn l-ebda garanzija.
(—) Liċenzja meħtieġa għal kwalunkwe kwantità.

H. **Alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola** (l-Artikolu 1(2)(u) u l-Parti XXI tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantitjiet netti (1)
ex 2207 10 00	Etanol mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80 % vol jew aktar, miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat	100 hl
ex 2207 20 00	Etanol u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kwalunkwe saħħa, miksuba mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat	100 hl
ex 2208 90 91	Etanol mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol., miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat	100 hl
ex 2208 90 99	Etanol mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol., miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat	100 hl

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.

PARTI II

OBBLIGU TA' LIĊENZJA TAL-ESPORTAZZJONIJIET

Lista ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 2(2)(a)

▼M2

_____

▼B

B. **Zokkor** (l-Artikolu 1(2)(c) u l-Parti III tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantitjiet netti (1)
1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrożju kimikament pur, f'forma solida (2)	2 000 kg
1702 60 95 1702 90 95	Zokkrijiet oħrajn f'forma solida u ġuleppijiet taz-zokkor, li ma fihomx ħwawar jew materjal li jagħti l-kulur miżjudin, iżda mhux inkluż lattożju, glukożju, maltodestrina u isoglukożju (2)	2 000 kg
2106 90 59	Ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew kuluriti, minbarra isoglukożju, lattożju, glukożju u ġuleppijiet tal-maltodestrina (2)	2 000 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja, skont l-Artikolu 3(1)(c). Mhux applikabbli għall-esportazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja amministrata mil-liċenzji.
(2) L-obbligu ta' liċenzja tal-esportazzjoni japplika sat-30 ta' Settembru 2017.